MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru. 142/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**versus**

**Dustin Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Dustin Caruana ta’ 20 sena iben Saviour u Rita nee’ Vassallo mwieled Pieta fil-11 ta’ Frar 1988 u residenti 5, Triq il-Blata, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 100988 (M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar il-5 ta’ Lulju 2008 kif wkoll ix-xahrejn ta’ qabel f’ħinijiet differenti u f’diversi postijiet madwar Malta,

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali kif wkoll ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat għal din l-imputazzjoni, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata hin xieraq biex jaħsibha.

Għaldaqstant, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(h), u 18 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kap 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, ssib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

Il-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali netta, li huwa għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 u li kkopera mal-pulizija bis-sħiħ. Għaldaqstant, qed tikkundannah għal piena ta’ prigunerija ta’ 10 xhur u għal ħlas ta’ multa ta’ 2300 Euro, liema multa tista titħallas b’rati ta’ 100 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament jibda mhux iktar tard minn 4 gimgħat millum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum prigunerija għal kull 11.65 Euro li ma jitħallsux.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------